MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1200/2000/1

**Lucienne Busuttil**

**vs**

**Robert Giglio**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta’ Lulju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta’ Novembru 1990 fil-Knisja tal-Kapuccini, Floriana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi esebit bhala Dok. “A”;

Illi, minn dana z-zwieg twieldu zewgt itfal Andrea ta’ tmien snin u Matteo ta’ hames snin u dan kif jirrizulta mic-certifikati hawn esebiti bhala Dok. “B” u Dok. “C”;

Illi l-komparenti sseparaw fid-29 ta' Lulju, 1999 permezz ta' kuntratt li gie ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Nicky Vella;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien wiehed vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-istess zwieg huwa null u bla ebda effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u / jew l-artikolu 19 (1) (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;**

Illi l-istess attrici talbet li din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara dan iz-ziewg null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u / jew l-artikolu 19 (1) (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Robert Giglio datata 23 ta' Novembru 2000, a fol. 9 fejn eccepixxa bir-rispett:-

(1) Illi t-talbiet attrici huwa nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Robert Giglio u l-lista tax-xhieda a fol. 10 u fol. 11 tal-process.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Frar 2001, fejn il-Qorti nominat lil Dr. Lorraine Schembri Orland bhala perit legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-attrici Lucienne Busuttil datata 26 ta’ Frar 2001, li permezz taghha esebit l-affidavit taghha.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Gunju 2001, fejn dehret il-Perit Legali Dr. Lorraine Schembri Orland li nfurmat lil Qorti li l-provi qed jingabru.

Rat in-nota tal-attrici datata 22 ta’ Awissu 2001, a fol. 21 tal-process, li permezz taghha esebit l-affidavit ta’ Ivan Busuttil.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Novembru 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 22 ta’ April 2002, fejn il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li din il-kawza qed tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presejduta ghall-24 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 24 ta’ Ottubru 2002, fejn inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata.

Rat in-nota tal-konvenut Robert Giglio datata 6 ta’ Dicembru 2002, a fol. 29 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal datat 10 ta’ April 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali sabiex izzomm l-ahhar zewg seduti sabiex isiru l-kontro-ezamijiet kollha u biex wara tghaddi ghar-rapport.

Rat il-verbal datat 1 ta’ Ottubru 2003, fejn Dr. Greta Mifsud Agius ghall-attrici nfurmat lil Qorti li l-provi jinsabu maghluqa.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Novembru 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Lorraine Schembri Orland nfurmat lil Qorti li se tipprezenta r-rapport.

Rat is-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Lorraine Schembri Orland minn fol. 90 sa fol. 117 tal-process.

Rat il-verbal datat 20 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal datat 19 ta' Frar 2004, fejn xehdet Dr. Lorraine Schembri Orland. Dr. Greta Mifsud Agius talbet li taghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba w ipprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Lorraine Schembri Orland in eskussjoni minn fol. 120 sa fol. 123 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici ghar-rapport tal-Perit Legali datata 11 ta' Marzu 2004, a fol. 124 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut Robert Giglio ghan-nota ta' kritika ghar-relazzjoni peritali mresqa mill-attrici Lucienne Busuttil, datata 26 ta' Marzu 2004, a fol. 128 tal-process.

Rat il-verbal datat 29 ta' April 2004, fejn Dr. Greta Mifsud Agius ghall-attrici tablet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti laqghat it-talba u ddiferit il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2004.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I PROVI PRODOTTI .

Illi l**-attrici** xehdet f'diversi okkazzjonijiet *viva voce* *oltre* l-affidavit taghha. Fl-affidavit iddiskriviet lil zewgha bhala egoist u possessiv. Kienu nqalghu problemi minhabba d-divergenzi fil-fehmiet politici u l-konvenut wera ruhu

ghajjur u pjuttost dominanti fil-karattru. Minn naha l-ohra, l-attrici sostniet li *"Kont ghadni zghira u kont niehu gost bl-attenzjoni"* u ghalhekk baqghet tohrog mieghu minkejja li il-familjari taghha ppruvaw jifthulha ghajnejha.

Illi l**-attrici** xehdet li waqt il-hames snin tal-gherusija, kienet hi li kienet tqajjem is-suggett taz-zwieg *"ridt nippjana ghall-futur ghalkemm ma konniex naqblu fuq hafna affarijiet, izda kont inhobbu u ma tajtx kaz."* Kienet tinsisti li jakkwistaw post izda anke fuq dan ma kienx hemm qbil. Skond l-attrici *"kelli hegga biex nizzewweg izda hu kien iktar mohhu li jikkalkula l-ispejjez li konna ser nidhlu fihom sabiex nizzewgu."* Il-konvenut minn naha tieghu ma kienx juri hegga fil-preparativi.

Fix-xhieda taghha l-attrici semmiet zewg okkazzjonijiet ta' glied serju bejniethom l-ewwel wiehed fuq fejn kienu ser jixtru d-dar, u it-tieni fuq il-Knisja li fiha kellhom jizzewgu. *"F'zewg okkazzjonijiet kont hassejt li kelli inhassar.* " Hi tghid li l-konvenut ceda wara li kellmuh tal-familja u fil-fatt marru jghixu Blata l-Bajda minnflok il-Belt fejn ried hu. It-tieni argument inqala xaharejn qabel iz-zwieg u l-konvenut rega accetta li jizzewweg fi Knisja ohra, mhux f'dik li ried hu:

*"Pero minkejja dan kont ghadni indecisa . Fl-ahharnett kontra qalbi accettajt …kont nahseb li wara iz zwieg Robert jinbidel u ma jibqax daqshekk iebes."*

Illi fl-affidavit taghha hi tistqarr *"Meta kont narah possessiv kont nahseb li kien jghir ghalilja w ihobbni. Pero' f'diversi okkazzjonijiet ma flahhtux aktar u nghid li jiddispjacini sal lum li accettajt li nizzewgu."*

Illi hija semmiet incident meta l-konvenut kien refa' idejh fuqha minnhabba li pretenda li hi ma tpejjipx. Hi xehdet ukoll li kellha toqghod taghti rendikont tal-agir taghha matul il-gurnata. *"Jien kont bejn haltejn dwar dan iz-zwieg u mbaghad meta rajt l-aggressivita w in-nuqqas ta' sensitiva w emozzjoni minn naha tieghu aktar hadtha bi kbira. <u>Dak il-hin kien tard wisq biex inhassar kollox u ergajna, bl-intervent ta' msisieri, solvejna s-sitwazzjoni".</u>*

Illi l-attrici xehdet ukoll li *"r-relazzjonijiet bejnietna tul il-hames snin ma kienux stabbli. Dak inhar tat-tieg ma kontx deciza li ridt nizzewgu. Ma kontx qed nara rispett u imhabba minn ghandu u kelli dubbji serji dwar jekk kienx ihobbni jew le. Jien l-iktar tkellimt mieghu hu meta kellna*

*glieda kbira meta morna nibbukkjaw il-knisja ma ridx assolutament nizzegwu. Dak in-nhar tat-tieg ma kellix kurragg niftah qalbi ma xi hadd u nghid dak li kont qed inhoss ghax kien tard wisq. Bkejt il gurnata tat-tieg minnhabba in- nuqqas ta rispett li kont qed nara fih. Jien hassejt li kont ser nzbalja u ma kienx ir-ragel ghalija. Ghar-ragel iz zwieg kien ifisser li imur iz xoghol, igib il-flus u daqshekk."*

Illi l-attrici kellha korrament li kien trawmatiku ghaliha u kellha *depression.* Hi xtaqet tieqaf mix-xoghol imma il-konvenut insista maghha li tibqa' tahdem. Kien jinsisti maghha wkoll li jekk taghmel xoghol ta' *hairdresser* tiehu biss klijenti nisa u kellha taqta' il-klijenti irgiel. Imbaghad harget tqila u kellha tqala difficli. Hi tikkonferma li kienu jkunu iktar spissi ghand il-genituri tal-konvenut milli ghand il genituri taghha. Wara it-twelid tat-tarbija, Andrea, marret tqatta' ftit granet ghand ommha. Meta irritornaw id-dar, il-konvenut ma kienx jikkopera maghha u kien jippretendi, per ezempju , li jigi mix-xoghol fis-1.00 pm u jsib l-ikel lest, jekk le *"jaghmel storja shiha." "Lanqas biss refa' jew ta il bottle lit-tarbija. Donnu ma kellux emozzjoni*." Hu kien haga wahda mal-familja tieghu u l-attrici hasset li ma kellux rispett lejn il-genituri taghha.

Illi l-*pattern* tal-hajja mizzewga taghhom tbiddel meta beda jiffissa fuq il-*football,* li skond l-attrici, kien kagun li l-komunikazzjoni ta' bejniethom tnaqqset. *"Kien inqata' f'dinja ghalih." "fil-fatt ir-relazzjonijiet intimi taghna kienu rari u kienu biss sabiex hu jissoddisfa lilu innifsu. Kien minghajr emozzjoni w imhabba u kont inhossni uzata w umiljata hafna."*

Illi skond l-attrici l-agir kontrollanti tal-konvenut wassalha biex hi titlef *is-self esteem taghha* sahansitra li hasset ruhha skomda mal-familjari taghha stess. Kellhom problemi fuq flus fis-sens li ma kienx jghaddilha flus bizzejjed. Madanakollu l-attrici xtaqet tarbija ohra u minkejja li l-konvenut ma riedx, xorta harget tqila. Hi xehdet li t-tifel beda jibza' minnu ghalhiex sar possessiv fuqu wkoll. Kellhom argument iehor meta hi bdiet titghallem issuq kontra l-volonta tieghu, imma regghu kellmuh tal-familja hu accetta. Hi iddeskriviet lil zewgha bhala *iceberg* u f' seba' jew tmien (7/8) snin taz-zwieg iddeciediet li tmur psikjatra. Tant kienet b'tensjoni li bdiet

il-vizzju tas-sigaretti. Hi tirrakkonta incident iehor ta' swat li sehh fid-dar ta' ommha *"Dak inhar kont diga deciza li nitilqu ghax mentalment kont qed insofri u hassejtni qieghdha niggennen."* Ftit granet wara waddbilha siggu u weggaghha u dan sehh ghax induna li kienet qed tonfoq mal Lm352 fis-sena sigaretti. *"F'dak il hin tlaqtu definitament ghalkemm hu ittenta li jsalva z-zwieg u jaghmel mezz li jinvidel. Pero' kont qlajt izzejjed u ma flahtx insofri izjed."*
Illi **Miriam Busuttil**, omm l-attrici xehdet li ghal-bidu tal-gherusija l-konvenut kien wera ruhu possessiv fuq il-kwistjoni tal-politika peress li huma kellhom affiljazzonijiet divergenti tant li hassar it-tessera ta' bintha. Indunat li bintha bdiet tiskartaha wara li bdiet tiffrekwenta lill-konvenut u l-partijiet kienu jispiccaw ghand omm il-konvenut. Ix-xhud stqarret li mill-bidu kemm hi kemm ommha kellhom dubbji dwar il-konvenut u kienu anke esprimew dawn id-dubbji lill-attrici. *"Jien ma hassejtx li kien addattat ghaliha."*
Illi hi ikkonfermat li kienu ggiedlu fuq il-post fejn kienu bi hsiebhom imorru jghixu malli jizzewgu. Hu ried li jghixu il-Belt izda l-attrici ma riditx u infirdu ghal ftit. Regghu ggieldu fuq il-Knisja li fiha kienu ser jizzewgu peress li hu ried li jizzewgu l-Belt. Skond din ix-xhud, kien zewgha li ndahal biex jirrangahom u kien tkellem ma' missier il-konvenut. *"Il-konvenut spicca li ceda bil-kundizzoni li jekk ikollhom it-tfal, dawn jitghammdu l-Belt."*
Illi l-istess xhud iddikjarat *"binti kienet deciza dak in-nhar li ma tirrangax mieghu. Dan kien tmien gimghat biss qabel t-tieg u damu xi jumejn mifrudin."*
Il-kuntatti bejnha u bintha kienu regolari wara z-zwieg imma mhux spissi. "*Kont naraha imcahhda minn certu affarijiet. Kienet toqghod lura fix-xiri u darba minnhom, zewgi nesa l-wallet u talabha LM10 u qaltlu li ma kellhiex flus."* Hi ikkonfermat li rat incident meta l-konvenut imbotta lill-attrici waqt argument fuq ilbies ghall tieg meta *"ghamel idejh ma' wiccha u imbuttaha u habbtilha rasha mal-hajt."*
Illi **Joseph Busuttil,** missier l-attrici xehed li l-konvenut, skond hu kien *"bniedem li jiddetta".* Kellu jintervjeni meta bintu u Robert iggieldu fuq il-Knisja u kellu jispjega lill-konvenut li l-mistednin ma kienux jattendu jekk jinsisti li jizzewgu fil-Knisja ta' San Pawl il-Belt ghaliex minn naha

taghhom hadd ma’ kien midhla tal-Belt. “*Robert accetta w izzewgu Gwardamanga*”. Iktar il-quddiem jghid:-
*“Lucienne kkuntentat meta ghidtilha li kkonvincejt lil Robert biex ibiddel fehmtu w ikkonvincejtha biex tkompli ghaz-zwieg. Kellha s-sala kollox lest u ibbukkjat u kollox lest ghat-tieg. Nispjega li ghalkemm Robert kien lest li jizzewweg x’imkien iehor, Lucienne xorta ma riditx tkompli ghaz-zwieg. Kemm jien u kemm marti kellna inkellmuha. . Ma niftakarx x’raguni tatni ghalhiex ma riditx tizzewweg izda zgur ghalkemm l-ghazla tal-knisja inbdilet, xorta ma riditx tizzewgu sakemm ikkonvincejtha;*
*Meta avvicinat it-tieg hassejt li binti ma kinitx kuntenta. Hadet ton aggressiv ma' ommha fejn qabel ma kinitx hekk. Hi ma kinitx qisha gharusa normali. Lit-tfal ma kontx nindhalilhom u ghalhekk ma kontx naf x’kienet ir-raguni ghaliex inbidlet hekk.*“

Illi huwa xehed ukoll li qabel l-attrici kienet cajtiera imma ra donna kienet tibza’ titkellem. Jitkellem dwar incident meta Lucienne nefqet Lm8 haxix u Robert *“tatu rasu minnhabba l-ispiza.”*
Illi **Ivan Busuttil,** hu l-attrici, xehed b’affidavit. Qal li kien jaf lill-konvenut mill-iskola u kien bniedem ras iebsa w egoist. Fil-fatt ma hax gost li ohtu bdiet tiffrekwentah. Ghalih l-gherusija ma kinitx normali u *“qatt ma rajthom bhala koppja li jinhabbu. Kienu jitghannqu u jitbewsu minn tal-inqas*.” Kienu jiggieldu ta’ spiss fuq il-politika u Robert kien possessiv maghha.
Illi jghid li hu kien jaf bl-argument li inqala fuq il-Knisja. Il-genituri tieghu kienu qed jigu infurmati li bosta mill-mistednin ma setghux jattendu ghac-cerimonja jekk din issir il-Belt peress li ma kellhomx il-permess biex jidhlu il-Belt bil-vettura taghhom. Minkejja li esprimew l-inkwiet taghhom Robert baqa’ jinsisti li c-cerimonja ssir il-Belt u kien inqala inkwiet tant li ohtu iddecidiet li thassar. *“Ohti ma riedetx taf u hassret”*. Skond dan ix-xhud, hi qaltlu li “*ma felhitx izjed b’dan l-attitudini ta’ Robert li dejjem ried jaghmel dak li xtaq hu biss”* u hassret minkejja li x-xhud wissiha li missierhom kien hareg hafna flus ghat-tieg. Missierhom irrangahom izda skond ix-xhud *“Qaltli li ma kinitx ser thassar biex ma tinkwetax lill-genituri taghna u ghax kien issa tard wisq.”*

Illi dan kien xi xaharejn qabel iz-zwieg. Huha kien ukoll offfra li jhallsilhom il-vjagg ghall-*honeymoon* imma Robert irrifjuta u xtaq flus minflok. Spiccaw li qatt ma marru fuq *honeymoon*. Huwa sostna li l-konvenut ma kienx jilqaghhom lill-familjari tal-attrici. Hu kellu dubbji serji dwar l-konvenut imma kien jahseb li la jizzewgu il-problemi jigu solvuti. Stqarr li darba mar izur lil ohtu w induna li kienet qed toghlob. Fil-pront infexxet tibki u qaltlu l-konvenut kien kisser siggu wara li waddabulha. *"Dan l-incident sehh minnhabba li kien raha tpejjep sigarett."* Skond ix-xhud dan kien xi seba' (7) snin wara li zzewgu.

*"Dak inhar fethet qalbha mieghi u qaltli li kienet ilha bi problemi sa mill-bidu taz-zwieg. ..kienet bezghet titkellem u zammet kollox sigriet. ….kellha problemi finanzjarji. Hu kien kontinwament jghix barra mid-dar, ighix gol-ground jew ghand ommu. Kien egoist fir-relazzjonijiet sesswali maghha. Semmietli li kien refa' idejh fuqha minnhabba xi underwear."*

Illi dan ix-xhud, izda, ma kellimx lill-konvenut fuq insistenza tal-attrici stess. Hu stqarr li meta l-affarijiet harxu bejniethom, kien Robert li avvicinah ghall-ghajnuna . Hu kien ammetta mieghu li kellu nuqqasijiet u x-xhud issuggerielu li kellu jiddedika izjed hin lejha u johrogha u jhalliha tmur tahdem. Robert avvicinah kemm-il darba u kien anke jinfexx jibki. *"Issuggerejt ukoll li forsi ahjar jekk jehodha safra…Minflok kompla ghaffeg is sitwazzjoni ghax qal li biex isifierha kellha tfaddal ghall passagg."* Fil-fatt siefru w ohtu gemmghet il-flus.

Illi l-**attrici** in kontro-ezami, cahdet li kienu jitkellmu bejniethom waqt il-hames snin tal-eghrusija. Skond hi l-konvenut kien jaghmilha hafna mistoqsijiet u minflok ma jitkellmu fuq pjanijiet ghall-futur, kellha toqghod ittih rendikont tal-passi taghha*. "Ma kienx jistaqsini bl-herra izda gieli ghidtlu li xbajt b'dan it-tip ta' diskors."* Madanakollu iddecidew li jixtru dar ghalkemm ma qablux fejn – il-konvenut ried joqghod il-Belt u l-attrici riedet toqghod kulimkien minbarra l-Belt. Bl-intervent ta' oht il-konvenut, Anna Camilleri, xtraw appartament il-Blata l-Bajda fit-28 ta' Ottubru 1987.

Illi l-attrici giet mistoqsija x'zammha milli titilqu u wiegbet *"kont inhobbu u forsi dak iz-zmien ma kontx nifhem ghalhiex iwasslu certu affarijiet*." Hi ammettiet li meta kienu iggieldu fuq ir-residenza kienet hi li ghamlet l-ewwel pass biex jergghu jkomplu u l-konvenut kien, fil-fatt, biddel fehmtu dwar ir-residenza. It-tieni darba, izda tghid li *"jien ma ridtx nirranga u spicca sfurzani missieri."* *"Ir-raguni kienet in-nuqqas ta' rispett li hassejt li wrieni w il-fatt li dejjem ried li tghaddi tieghu. Kont lesta li nhassar ir-relazzjoni fuq l-ghazla tal-Knisja."* Ghalkemm kien il-konvenut li kull darba ceda il-fehmiet tieghu, l-attrici baqghet tinsisti li ma kienx jirrispettaha ghax, skond hi *"Robert ma ghamilx dawn l-affarijiet minn jeddu."*

Illi dwar il-preparativi ghaz-zwieg, l-attrici kkonfermat li fil-fatt hi riedet tizzewgu u ppjanat iz-zwieg "*qisu miz-zmien li xtrajna l-post…..gieli irrimirkajtlu li kien jidher indifferenti filwaqt li jien kont inhossni eccitata.*" Hi ccarat li xtaqietu izjed juri hegga fir-rigward tal-korsijiet ta' Kana li jiffurmaw bazi soda ghaz-zwieg milli fl-aspetti materjali ta' preparativi ghaz-zwieg.
Illi hi spjegat ukoll il-kummenti taghha rigward il-mod kif il-konvenut kien jikkalkula l-infieq u xehdet *li "ma ridnix nahdem wara z-zwieg u l-kalkoli kien qed jaghmilhom biex jassigura ruhu li ma konniex ser nidhlu f'dejn wara iz-zwieg. Robert mhux sinjur imma ta' dhul medju."*
Illi hi spjegat li meta xehdet li r-relazzjonijiet taghhom *"ma kienux stabbli"* riedet tfisser li kienu jiggieldu ta' spiss, u l-ikbar fuq il-knisja. Izda minkejja li kemm hi kif ukoll il-familjari taghha isostnu dan l-ezempju bhala turija tal-ghebbusija ta' ras il-konvenut, fil-fatt ma ghaddietx tieghu w izzewgu l-Furjana. Hi lmentat li ma kienx juriha imhabba u rispett. *"Ghalija rispett minghajr imhabba jesisti imma imhabba minghajr rispett ma jesistix."* Hi kienet tghidlu li ma kinitx qed tara rispett minnu u kellha dubbji dwaru imma *"hu kien jghidli li kelli nisma' minnu ghax hu kien jaf x'inhu tajjeb."*
Illi l-konvenut **Robert Giglio,** xehed permezz ta' affidavit. Xehed li damu erba' snin gharajjes. It-tnejn kienu jahdmu. Bdew jahsbu ghaz-zwieg fis-sajf tal-1987, xi 3 snin qabel iz-zwieg u bdew ifittxu post. Dwar l-ghazla tal-post stqarr li *"konna biddilna l-hsieb u iddediejna li immorru noqghodu*

*la il Belt u lanqas Rahal il-Gdid."* Hargu l-flus bin-nofs u xtraw u lestew id-dar minghajr il-htiega ta' self peress li, skond il konvenut, xtaq li l-attrici ma jkollhiex ghalfejn tahdem wara iz-zwieg ghajr, jekk riedet, taghmel xi xoghol ta' *hairdressing.* Hu hadem fil-post u anke ghinuh hutu u missier l-attrici.

Illi l-konvenut sostna li *"matul l-eghrusija konna nitkellmu fuq kif ser inkabru familja. It- tnejn li ahna qbilna li jkollna zewgt itfal. L-gherusija kienet normali."* Fuq l-infieq hu isemmi li kienu johorgu u jmorru jieklu f'xi restaurant u anke f'okkazzjonijiet bhal Milied u New Year. "*Problemi bejnietna ma nistax nghid li kellna".* Kienu jibaghtu *cards* lil xulxin bhal kull koppja. "*Fl-gherusija konna immorru sew ma' xulxin. Konna ninhabbu normali. Kellna wkoll relazzjoni tajba mal-genituri taghna."*
Illi huwa jikkonferma li l-attrici kienet tkun madwar 4 darbiet fil-gimgha ghand ommu u anke hu kien jidhol ghand il- genituri taghha. Skond hu, kellu relazzjoni tajba kemm ma' missier l-attrici kif ukoll ma' huha Ivan. Huwa jghid li:-
*"Id-decizjoni li nizzewgu hadniha bejnietna. Ma kellnix indhil ta' hadd. Id-data taz-zwieg ghamilnina wara li konna bdejna nimlew id-dar u dan madwar sentejn qabel ma zzewwigna. Il-preparamentit ghat-tieg konna qsamnihom bejniethna."……..''Lucienne kienet entusjasta biex tizzewweg. ……..Ommha kienet hetitilha il-libsa ghat-tieg…Konna wkoll nitkellmu dwar x'konna nixtiequ mill-hajja mizzewga."*
Illi l-verzjoni tal-konvenut rigward il-Knisja ma' taqbilx ma' dik tal-attrici peress li d-data tat-tieg skond hu giet iffissata xi sentejn qabel u kien f'dak il-perjodu li kellhom jibbukkjaw il-Knisja u mhux tmien (8) gimghat qabel it-tieg. Spiccaw li ghazlu il-knisja tal-Kappuccini w iz-zwieg gie ccelebrat mill-habib tieghu Dr. Charles Tabone O.P. li sussegwentement marru ghandu ghall *counselling.* Skond il-konvenut, il-gurnata tat- tieg kienet wahda sabiha ghalihom. *"Lucienne dehret li kienet kuntenta hafna. Konna it-tnejn ferhanin."*
Illi dwar il-hajja mizzewga, l-konvenut kompla xehed li kienu koppja normali. Wara l-korrament*, "l-attrici kienet haditha bi kbira"* izda hu kien taha sapport kemm seta'. It-

twelid ta’ Andrea, gab ferh kbir fil-familja. Cahad li qatt refa’ idejh fuqha u qal li qatt ma sarulu rapporti mal-pulizija.
Illi l-konvenut ma qabilx ma’ dak allegat mill-attrici dwar il-finanzi. Xehed li kien jikri *furnished flat* l-Mellieha ghall Lm250 ghas-sajf ghalihom, haga li hi ma ssemmix. Jghid ukoll li kien involut fit-trobbija tat-tfal. Xehed ukoll li kienu irnexxielhom ifaddlu l-flus maz-zwieg li qasmu fis-separazzjoni. Cahad li kienet l-attrici li hallset bi flusha ghas-safra. Din thallset mill-flus imfaddlin li kellhom. (Dok. “B” annessi mal-affidavit tieghu.)

Illi skond il-konvenut l-inkwiet beda fil-bidu tal-1997 meta martu ghamlet hbieb ma' familja ta’ wahda Linda li kellha hbieb Lebanizi ohra. Skond hu, l-attrici bdiet tidher nervuza w inkwetata tant li ftehmu li jsiefru biex itaffu it-tensjoni li kienet bdiet bejniethom. Martu izda bdiet tmur taqta’ ix-xaghar tan-nies fit-tard. Kienet tirritorna fil-5.00.p.m u titlaq bil-karrozza fis-7.30 p.m. u thalli t-tfal mieghu. Kienet tirritorna f'xi 11.00. p.m. Beda jinduna li kienet tmur ghax-xoghol *"imbiddla"* u beda jkollu suspetti fiha. *"minn hemm beda l-inkwiet u mhux qabel."* Hu ccekkjalha il-*mileage* tal-karrozza li skond huwa kkonfermatlu s-suspett li hi ma kinitx qed tmur fejn kienet tghidlu li sejra imma iktar il-boghod.
*"Dak inhar kellimtha b'mod deciz u ghidtilha li kont ninsab konvint li kien hemm ragel iehor f'hajjitha.”* Skond hu hi bdiet tibki w ammettiet. Minkejja li marru *counselling,* spiccaw li isseparaw. Huwa jallega li fatti li graw wara kkonfermawlu li l-attrici kienet ma’ ragel Lebaniz.
Illi fuq ix-xhieda ta’ omm l-attrici l-konvenut xehed li kienet hi li kienet tissikah fuq il-politika imma xorta gabilha ir-rispett.
Illi fuq ix-xhieda ta’ Ivan Busuttil xehed li kienu hbieb u dan ix-xhud stess kien issuggerilu li jghinu jaghmilha l-ghassa lil ohtu. Dak li semma x-xhud u cioe’ li ra’ lil ohtu toghlob gara xi seba’ jew tmien (7/8) snin wara iz-zwieg meta bdiet tiffrekwenta il hbieb li semma.

Illi **Sandro Giglio,** hu l-konvenut, xehed li l-partijiet kienu jgibu ruhhom tajbin fl-gherusija – ma kienux jiggieldu u ma kellhomx problemi. Huma kienu jkunu spiss ghand ommu

u ghalhekk kien jarahom regolari. *“Kienu tawni x’nifhem li kienu jinhabbu. Ohti Silvia kienet tikkummenta li kienu …qishom hamiem..”*
Illi rigward il-preparamenti tat-tieg xehed li kien imur jghin lil huh jirranga l-appartament u gieli mar huhom l-iehor Alphonse. Dwar huh, xehed *“Robert mhux persuna I don’t care w ihobb jippjana ghall-affarijiet tieghu.”* Il-konvenut kien *close* max-xhud hu qatt ma kkummenta li kellu problemi fl-gherusija. *“Kont narahom bhala koppja normali, jikkumplimentaw lil xulxin u juru sinjali ta’ affett. ..It-tieg kien normalissimu.”*
Illi l-istess xhud xehed li baqa’ vicin huh anke wara z-zwieg u wkoll wara li zzewweg hu, marru joqghodu hdejn il-partijiet u baqghu hbieb bhala koppji. *“Bhala genituri, kemm Robert kif ukoll Lucienne kienu ezemplari.”* Skond hu ommu bdiet tinduna li kien hemm inkwiet meta l-attrici bdit tmur tahdem taghmel ix-xaghar bil-lejl u t-tfal kienu gja tfarfu it-tnejn. Ommu bdiet tinkwieta ghax idnunat li l-konvenut kien qed jithalla wisq spiss wahdu bit-tfal fil-ghaxija u kien gieli jdum ghand ommu sal 11.00 ta’ bil-lejl. *”Naf li l-attrici kienet tmur taghmel ix-xaghar ta’ xi Lebanizi li skond kliemha kienu fqar.”* Ix-xhud kien tkellem mal-attrici li, izda, qaltlu li l-affarijiet ma setghux jitrangaw *“Hemm wisq affarijiet.”*
Illi l-istess xhud li *“sussegwentement hija qalli li martu kellha ragel iehor.”* Ix-xhud stqarr li kien ra ragel diehel ghand l-arttrici li kienet baqghet tghix fl-appartament taghhom u kienu anke gew ifittxuh il Pulizija.

Illi **Anna Camilleri** oht l-konvenut xehdet li lill-parrtijiet *“Nafhom it-tnejn bhala nies bil-ghaqal, it-tnejn jahdmu u dana sa mill-gherusija taghhom.“* Kienet tarahom ghand il- genituri taghha u *“kont narahom jinhabbu hafna tant li konna nghidulhom li kienu qishom hamiem. Kont narahom jiftehmu hafna bejniethom u ma jaghmlu xejn minghajr qbil u jirrispettaw lil xulxin.”* Hi xehdet li l-attrici gieli kienet tkun ghand il-genituri tal-konvenut tlett (3) darbiet fil-gimgha. Hi u l-konvenut, kienu jixtru rigali ghal xulxin u jiccelebraw okkazzjonijiet b’mod specjali. Kienu tgharsu formalment wara xi snin.
Illi rigward id-dar *“Robert ma semmieli xejn dwar xi disgwid li seta kien hemm rigward il-lokalita tad-dar. It-*

*tnejn kienu ghazluha flimkien. Id-dar kienet lesta kompluta qabel iz-zwieg. Quddiemi gieli tkellmu dwar pjanijiet taghhom dwar familja, tfal u zwieg u t-tnejn kienu involuti fil-preparativi ghaz-zwieg. Kont narahom jitkellmu bejniethom u ghamlu kollox flimkien";*
*"Hi kienet close mal-attrici li qaltilha li xtaqet familja u li jkollha t-tfal. ..Robert kien bil-ghaqal bil-flus u kien ifaddal. Fil-gurnata tat-tieg it-tnejn kienu ferhanin u kellhom hafna entusjasmu li kienu ser jizzewgu. Ma rajt xejn barra minn normal."*
Illi l-istess xhud izda ma kinitx taf li kien hemm nuqqas ta' qbil fuq l-ghazla tal-Knisja. Wara z-zwieg, Lucienne kienet baqghet tiffrekwenta l-familjari tal-konvenut. Anke uliedha trabbew ma' ulied ix-xhud. *"Jien u Lucienne konna ningiebu u fl-ewwel perjodu taz-zwieg ma kinitx tilmenta fuq iz-zwieg mieghi. Hi u Robert baqghu jaghmlu l-affarijiet e.g. ix-xiri flimkien".*
Illi l-istess xhud tghid li meta l-attrici bdiet tahdem, hija bdiet tinnota li kien hemm tensjoni bejn il partijiet. *"Dan gara xi seba' (7) snin u nofs wara z-zwieg, Lucienne kienet thalli it-tfal ghand ommi fis-sajf u tirritorna tard filghaxija (xi 10.30p.m./11.00 pm). Dan kien jigri xi darbtejn/tlett darbiet fil-gimgha u l-attrici kienet tghidilhom li kienet sejra ghax xoghol u gieli tkun ghand hbieb taghha barranin".*
Illi **Anna Camilleri** kompliet tixhed li darba t-tfal tal-partijiet kienu imwerwrin u rrakkontawlha li meta ommhom rathom fil-karrozza tal-konvenut harget u bdiet issabbat fuq il- karrozza. Marru jaghmlu rapport l-Ghassa u meta marru il- Pulizija d-dar sabu ragel ta' nazzjonalta Lebaniza fid-dar tal-partijiet. Hi xehdet li kemm il-konvenut kemm il-familjari tieghu ssusspettaw li l-attrici kellha relazzjoni minhabba il-hinijiet li kienet qed izzomm.

Illi l-**attrici** xehdet f'seduta ohra tal-15 ta' Ottubru 2002 in kontro ezami. Qalet li hi u l-konvenut ma kienux jaqblu fuq flus u llmentat li kellu jintervjeni huh biex beda itiha Lm15 fil-gimgha. Kellha korrament izda xtaqet tfal u kellhom zewg subien Andrea u Matteo. Hija tghid li *"meta twieled Andrea kont gja fi krizi u hsibt li baby iehor kien jirrangana. Fil-fatt kont jien li nsistejt ghat-tieni baby. Ir-relazzjonijiet sesswali taghna ma kienux frekwenti."* Hi

spjegat li l-konvenut ma kienx juri l-emozzjonijiet tieghu – ma kienx juri lanqas interess fiha u fit-tfal ghalkemm kien juri hafna interess fil-football u fil-familjari tieghu.
Illi dwar ix-xoghol tieghu hi kkonfermat li kien jahdem *overtime* sakemm twieled Matteo u hi kienet toqghod id-dar bit-tfal. Hi baqghet tinsisti li l-inkwiet beda ferm qabel sena u nofs qabel is-separazzjoni ghalkemm kien f'dan il-perjodu li l-konvenut induna bl-inkwiet. *"Jiena splodejt peress li ddejjaqt fil-hajja taghna – hu ma kienx jaghti kas ta' xejn."*
Illi fuq il-habiba stranjiera hi stqarret li kienet qed taghmel ix-xaghar tan-nies u kellha habiba Linda, Iraqqina residenti Malta li kienet tithassarha u kienet tiltaqa' maghha filghodu mhux filghaxijiet. Cahdet li kellha hbiberija ma' ragel iehor minn 1997 u li *"din kienet fantasija tal-konvenut."* Madanakollu ammettiet li kienet qalet lill-konvenut li kellha relazzjoni izda *"ghaliex Robert ma riedx jaccetta li z-zwieg tfarrak ghax il-komportament tieghu kien hazin."* It-tnejn kellhom *"depression"* . Ghalkemm marru *counseling,* xorta baqghu ma rrangawx.
Illi l-attrici in kontro ezami f'seduta ulterjuri cahdet li kienet tmur filghaxijiet ghand Linda u hbieb Iraqqini u Lebanizi. Qalet li marret biss darba filghaxija. Madanakollu ma innegatx li darba kien hemm ragel li dahal fid-dar taghha, certu Zouheir el Ghazel , Lebaniz u ammettiet li saret tafu wara s-separazzjoni mhux qabel. Lanqas kien, dan ir-ragel ikun fost il-hbieb gharab li kienet hija kienet tiffrekwenta jew li kien habib ma' xi hadd minnhom u hi ltaqet mieghu *"b'kumbinazzjoni".*
Illi **l-konvenut** in kontroezami xehed li haseb li t-tnejn kienu maturi bizzejjed biex ghamlu l-pass taz-zwieg. Kienu imlew id-dar u kellhom zmien bizzejjed. *"Konnna nifhmu x'inhu iz-zwieg."* Hu spjega li "*z-zwieg ghalija kien ifisser li nghixu flimkien u nibnu familja."* It-tnejn kellhom l-intenzjoni tal-permanenza fiz-zwieg. Hu baqa' jsosnti li z-zwieg taghhom kien normali sakemm wara seba' (7) snin u nofs dahal ragel iehor.

**II. PRINCIPJI LEGALI .**

Illi bic-citazzjoni taghha l-attrici qed titlob li z-zwieg jigi dikjarat null a bazi tas-segwenti **artikoli tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255) tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe':-

**Artikolu 19 (1) (d):** *"Il kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta'gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha"*;

**Artikolu 19 (1) (f) :** *"Il kunsens tal-kontendenti kien vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga".*

Illi biex johloq rabta guridika, l-kunsens irid ikun hieles u moghti xjentement. Ghalhekk il-Ligi telenka, fost ir-ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg, dak li tissejjah id-difett fid-diskrezzjoni tal-gudizzju. Il-kontraenti jrid jippossjedi dak il-grad ta' intellett, xjenza u ghazla libera li jippermettilu li jifhem, jgharbel u finalment jaghzel jekk jaghtix il-kunsens tieghu ghaz-zwieg jew le.

Illi l**-artikolu 19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. B'dan il-legislatur ma' riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kienet rikjesta maturita' shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi iz-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi 'n-nuqqas tad-*discretio iudicii* huwa kuncett guridiku, intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. Illi fis-sentenza **"Angela Spiteri nee Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (P.A. 4 ta Novembru 1994) l-Qorti ghamlet referenza ghall-gurisprudenza kanonika fuq dan il-kuncett u ntqal li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus…richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita' di mente e di liberta', dato che si tratta di assumersi una " servitus" per tutta la vita "* **(*Colagiovanni* – Forum 1990, Vol I pt. 1 pg.72).**

Illi fl-istess decizjoni l-Qorti addottat id-definizzjoni ta' ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonskisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cioe':-

*La piena avvertenza*
*Il deliberato consenso.*

*“La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita affettiva ………la maturita’ di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro.”*

*“La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e’ possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio.)* ***Bersini F,*** **“Il Diritto Canonico Matrimoniale”. Torino. 1994 p. 97).**
Illi skond l-istess awtur, il-grad ta’ maturita’ mitlub “*e’ la maturita’ di gudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita . In altri termini, e’ necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano.”*
Illi fil-kliem ta’ awtur iehor, ***Viladrich*** jinghad li “*the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.”* ***Viladrich , P.J.*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated”** (Monteal,1993) p.686.)
Illi din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **“Janet Portelli vs Victor Portelli”** addotat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-
*“It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*
*(1) When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*
*(2) When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*

(3) *Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.”* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat Tribunal Ekklesjastiku ta’ Malta tal 11 ta Mejju 1990m **coram Bajada Forum 2** (1991) pp 173-174).
Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li:-

*“Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake” Bruno , 30/5/1986 Monitor ecclesiasticus LXII (1987) 542/543).*
Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta’ x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti f’din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *“li dejjem gew ritenuti bhala* l-*obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cioe’, dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja w prokreazzjoni u it-trobbija tal-ulied.”*
Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma’ jammontax necessarjament ghal difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Ara wkoll **“Josianne Spiteri pro et noe v Hubert Spiteri”** (P.A (RCP) 26 ta' Gunju 2003) u l-gurisprudenza hemm citata.
Illi l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** jipprovdi dwar is-simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens hu mifhum fis-sens guridiku, bhala l-espressjoni tal-volonta hielsa u xjenti tal-bniedem. Meta persuna tidhol

ghaz-zwieg bil-hsieb maghmul (eskluzjoni posittiva) fil-mument li jinghata l-kunsens, li jeskludi z-zwieg fih innfisu, jew wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga (fidelta jew prokreazzjoni) jew icahhad lill-parti l-ohra mill-att taz-zwieg, tkun qed tinkorri fin-nullita ravvizata permezz ta dan **is-sub-inciz tal-artikolu 19.**
Illi l-eskluzjoni ghandha tkun posittiva fis-sens li mhux bizzejjed li wiehed vagament jahseb li possibilment fil-futur jista' jittradixxi l-obbligu tal-fedelta', jew jipposponi il-prokreazzjoni tal-ulied ghal xi data futura. Biex jigi applikat dan l-artikolu, jinhtieg li jkun hemm decizjoni fil-mohh tal-kontraent li jeskludi dak id-dritt jew obbligu.
Illi kif qalet din il-Qorti fil-kaz **"Anna Galea vs John Walsh"** (P.A. - 30 ta Marzu 1995) trid issir ghalhekk, distinzjoni bejn l-eskluzzjoni tad-dritt u l-ezercizzju ta' dak id-dritt. Dan il-kaz kien jittratta dwar l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u tal-att konjugali. Il Qorti ddeterminat il-prova li trid issir ghal fini ta' dan is-**sub-inciz 19 (1) (f)** fis-sens li:-
*"Tali prova tista' issir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens basta li l-Qorti tqishom fic-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens cioe' ghaz-zwieg".*
Illi fil-materia ta' simulazzjoni, il-prova mhiex dejjem facli peress li hemm l-element ta' duplicita'. Il-kunsens f'dan il-kaz, mhuwiex l-espressjoni esterna tal-intenzjoni tal kontraent.

## III. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fit 28 ta Novembru 2002 fil-kawza **"Natasha Satariano v Wayne Satariano"** (Cit. 1533/01/RCP) ukoll kellha okkazzjoni li tiddetermina il-principji legali li jirregolaw is-sub-incizi li huma il-mertu tal-kaz odjern u referenza qed issir ghall-pricipji enuncjati f'dik is-sentenza u fis-sentenzi hemm citati.
Illi l-Qorti tirrileva li f'din il-kawza l-konvenut qed jikkontesta mhux biss il-kapitijiet ta' nullita' allegati mill-attrici, imma sahansitra t-talba ghall-annullament taz-zwieg fih innifsu. Hu qed jikkontendi li z-zwieg hu validu. Ghaldaqstant lanqas hemm qbil bejn il-partijiet fuq in-nullita' taz-zwieg taghhom u fid-dawl ta' din il-eccezzjoni,

ghandu ikun hemm ukoll valutazzjoni bir-reqqa tat-talbiet attrici peress li il Ligi tiffavorixxi il-validita taz-zwieg. Fil-fatt dan l-ezami jsir f'kull kaz, anke fejn hemm ammissjoni tal-parti ghat-talba attrici u fil-kaz fejn ma' jkun hemm kontestazzjoni u dan peress li l-istitut ta' zwieg huwa ta' ordni pubbliku.
Illi jigi rilevat ukoll li l-attrici qed titlob li l-validita' *o meno* taz-zwieg jigi ezaminat fuq dan il-kap ta' nullita fuq difett fid-diskrezzjoni tal-gudizzju da parti tal-konvenut.
Illi fil-fatt jidher minn ezami tal-provi prodotti li l-allegazjonijiet attrici fuq il-premessi tac-citazzjoni attrici huma kontradetti mix-xhieda tal-konvenut kwazi f'kull punt krucjali ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza, b'dan li din il-Qorti taqbel mal-perit legali li jirrizulta wkoll li l-allegazzjonijiet attrici ma gewx ippruvati fil-grad ta' prova necessarji sabiex il-versjoni attrici tigi accettata.
Illi in fatti mill-provi prodotti din il-Qorti hija tal-opinjoni li mill-kumpless tal-provi ma' jirrizultax li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat fil-mument taz-zwieg b'difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga. Ma hemm fil-fatt xejn mill-provi prodotti x'jindika li fil-fatt il-konvenut ma' kienx hieles fil-hsieb teghu jew matur bizzejjed biex jaghti kunsens validu ghaz-zwieg.
Illi fil-fatt mix-xhieda tal-attrici stess jinghad li ma hemm l-ebda allegazzjoni lanqas minima li l-konvenut ma kellux la l-intellett, la' l-kapacita' li jirrifletti u jgharbel u lanqas il-liberta interna biex jaghmel l-ghazla ghaz-zwieg. Min-naha l-ohra x-xhieda tal-konvenut tikkonferma li z-zewg partijiet kienu konxji tal-elementi essenzjali taz-zwieg u tad-drittijiet u obbligi naxxenti mill-istess tant li jirrizulta li matul l-gherusija taghhom kienu sahanistra jitkellmu bejniethom biex ikabbru familja. *Oltre'* minn dan xi tlett (3) snin qabel kienu anke xtraw appartament u tant kienu bil-ghaqal li irnexxielhom ilestuh minghajr ma jkollhom jidhlu f'xi pis ta' dejn. Qablu wkoll fuq id-data taz-zwieg. Il-konvenut kien ukoll involva ruhhu fil-preparamenti tat-tieg u jirrizulta li ma' kienx hemm problemi kbar qabel l-istess zwieg. Fil-fatt jirrizulta mix-xhieda komplessiva tal-partijiet fil-kawza li lanqas matul iz-zwieg ma kien hemm problemi kbar, u dan qed jinghad in kwantu relevanti ghall-kawza odjerna, u certament ma' hemm l-ebda prova li tista' b'xi mod remott tindika li l-kunsens tal-konvenut kien hekk vizzjat fil-

mument taz-zwieg. Li huwa cert huwa li l-problemi inqalghu cirka  seba' jew tmien (7/8) snin wara l-istess zwieg, pero' certament li tali problemi setghu jaghtu lok ghall-separazzjoni bejn il-partijiet, li fil-fatt sehhet, izda certament mhux ghall-annullament ta' tali zwieg.
Illi l-familjari tal-konvenut ukoll ikkkoroboraw it-tezi tal-istess konvenut inkluz li l-istess koppja kellhom gherusija normali u kienu jinhabbu tant li ohtu, Anna Camilleri, kienet tirreferi ghalihom qishom *"hamiem".* Hi rathom bhala persuni *" bil-ghaqal jiftehmu bejniethom u ma jaghmlu xejn minghajr qbil"*. Quddiem din ix-xhud kienu jitkellmu dwar familja, tfal  u kienet tarahom jiftehmu. Id-dar ghazluha flimkien.  Jigi precizat li skond l-attrici w ix-xhieda familjari taghha, huma kienu iqattghu iktar zmien ghand omm il-konvenut u ma' hutu li ghalhekk kellhom izjed opportunita' li josservawhom, pero' dan certament ma' jbiddel xejn mill-konkluzzjonijiet hawn raggunti.
Illi  Sandro Giglio  ddeskriva lill-konvenut bhala persuna *" li jhobb jippjana l-affarijiet tieghu u mhux persuna 'I don't care."*  Dan il-kumment, mhux kontradett mill-attrici, jindika li l-konvenut, altru li kellu dik il-maturita' ta' hsieb u kapacita' li jippjana l-azzjonijiet tieghu u certament li  minn naha tal-konvenut kien hemm mhux biss konoxxenza tal-elementi essenzjali taz-zwieg izda impenn ghall-istess u allura din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti ma' hemm xejn li jindika li l-istess konvenut kellu xi difett fil-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg.
Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda ta' Sandro Giglio kif ukoll ta' Anna Camilleri li kkoroboraw it-tezi tal-attur anke fuq il-punt li fl-ewwel snin taz-zwieg l-koppja lanqas kellhom problemi bejniethom. F'dan il-kuntest Anna Camilleri ssostni li hi u l-attrici kienu midhla ta' xulxin u dan mhux kontradett mill-istess attrici. B'hekk jirrizulta li anke l-attrici kienet kienet tafda fiha u minn din il-hbiberija jirrizulta li lanqas l-attrici f'dak iz-zmien *"ma kienet tilmenta fuq iz- zwieg mieghi "*
Illi l-attrici minn naha taghha, tiddeskrivi lill-konvenut bhala possessiv u li kien jghir ghaliha tant li kien igeghlha taghtih rendikont ta' x'ghamlet matul il-gurnata. Missierha wkoll jirreferi ghalih bhala "*bniedem li jiddetta"*.  Bhal ezempju jidher li l-attrici ibbazat hafna mit-tezi taghha fuq zewg punti li jidher li l-konvenut insista fuqhom qabel iz-

zwieg maghha, u cjoe' li huwa ried joqoghod il-Belt, Valletta, u wkoll li ried jizzeweg fil-Knisja l-Belt stess. Pero' certament li dawn l-ezempji stess jikkontradixxu t-tezi attrici nnifisha u dan peress fiz-zewg okkazzjonijiet, certament wara l-pressjoni li saret mill-attrici w aktarx mill-familjari taghha, l-konvenut ceda ghal dak li xtaqet l-attrici u in verita' accetta li jsir dak li riedet l-attrici u/jew il-familja taghha. Jidher ghalhekk li l-istess konvenut anke f'dan l-istadju ta' konsiderazzjoni dovuta lil dak li xtaqet l-attrici u fil-fatt mexa max-xewqat taghha, u warrab dak li xtaq huwa li jsir.

Illi anke fuq l-aspett tar-rendikont l-attrici tat hija stess verzjonijiet kontradittorji fis-sens li tghid *"ma kienx jistaqsini bl-herra izda gieli ghidtlu li xbajt b'dan it-tip ta' diskors."* Illi f'ghar ipotesi dawn il-konsiderazzjonijiet li l-attrici ghamlet ma jammontawx lanqas ghall-problemi patologici, izda jista' jkunu aspetti tal-karattru tal-konvenut, li fl-isfond tal-provi, iktar jistghu jigi kkunsidrati bhala dak li l-perit legali sejhet  bhala *character traits* milli prova ta' xi disordni fil-kapacita' intellettwali jew volitiva tal-konvenut li b'xi mod setghet taffettwa l-volonta' u l-kunsens tieghu ghaz-zwieg.

Illi f'dan il-kuntest wiehed ghandu jikkonsidra wkoll li l-eghrusija ta' bejn il-partijiet damet mhux inqas minn hames snin u wara sentejn, xtraw id-dar. L-attrici semmiet wkoll incident ta' aggressjoni izda ma jirrisultaw li matul il-hajja mizzewga r-relazzjoni taghhom kienet b'xi mod dominata minhabba xi kazi ta' vjolenza domestika, ghalkemm hawn din il-Qorti tikundanna bl-iktar mod kategoriku kull tip ta' vjolenza tigi minn fejn tigi.

Illi l-attrici tilmenta wkoll li  matul iz-zwieg il-konvenut beda jsegwi il-*football* tant li kienet spiccat il-komunikazzjoni bejniethom. Izda li wahda ssir *football widow* wara iz-zwieg u fil-kors tal-hajja mizzewga, mhuwiex bazi ta' annullament, specjalment meta jirrizulta li dan huwa kontradett mill-konvenut fix-xhieda minnu prodotta – u in verita' ma jirrizultax li dan kien il-kawza tat-tifrik ta' dan iz-zwieg u fi kwalunkwe kaz ma' jirrizultax li z-zwieg ghall-konvenut fil-mument taz-zwieg ma' kienx il-priorita' kemm tal-attrici u kif ukoll tal-konvenut.

Illi ghalhekk din il-Qorti f'dan ir-rigward taqbel mal-perit legali li ghar-ragunijiet premessi jirrizulta li ma' jezistux l-

elementi rikjesti mill-ligi sabiex it-talba tal-attrici ghall-annullament taz zwieg abbazi tal–applikazzjoni ta’ l-**artikolu 19 (1) (d)** fil-konfront tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tieni premessa attrici jidher li hija sserrah it-tezi taghha fuq il-kunsens taz-zewg partijiet. Jinghad mill-bidunett li ma hemm xejn mill-provi li b’xi mod isostni allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut eskluda z-zwieg jew xi elementi essenzjali tieghu inkluz il-permanenza tal-istess unjoni jew il-prokreazzjoni tal-ulied u elementi ohra esseznjali. Lanqas hemm ma’ hemm ebda prova li l-attrici eskludiet it-tfal jew l-obbligu ta’ fedelta’.

Illi ghalhekk jibqa’ li l-Qorti tesamina il-provi imressqa rigward simulazzjoni totali tal-attrici. Anke fuq dan il-Kap. hemm konfliggenza tal-provi. Izda din l-osservazzjoni *sic et simpliciter* ghandha tigi spjegata peress li l-kuncett ta' simulazzjoni necessarjament jippresumi l-apprezzament tal-komportament u tac-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghaz-zwieg gjaladarba hemm allegazjoni ta’ rieda mistura u nuqqas ta’ konformita’ bejn il- volonta interna w il-kelma espressa.

Illi pero’ anke fuq din il-premessa din il-Qorti thoss b’mod mill-iktar konvincenti li ma hemmx provi sabiex twassal lil din il-Qorti tilqa’ t-talba attrici mhux l-inqas eress li jirrizulta li xhieda tal-attrici hija kontradittorja f’dan ir-rigward ukoll u dan mill-istqarrijiet tal-attrici stess.

Illi l-ewwelnett hi issemmi zewg okkazzjonijiet li fihom kienet ser thassar. L-ewwel wahda, rigwardanti l-post fejn kienu ser jghixu, gara’ tlett (3) snin qabel iz-zwieg u giet sovluta billi l-konvenut ceda dak li ried. Fil-fatt jirrizulta mhux kontradett li ghazlu d-dar flimkien, hallsu l-ispejjez flimkien, ammobiljawha flimkien u lestewha b'koperazzjoni ma’ xulxin u anke tal-familjari taghhom. Ghalhekk dan l-ewwel kagun ta’ disgwid zgur mhux rilevanti.

Illi t-tieni okkazzjoni grat meta ma qabblux fuq il-Knisja li kienu ser jizzewgu. Hawhekk hemm konflitt bejn l-attrici u il-familjari taghha li jixhdu li dan id-disgwid sehh tmien (8) gimghat qabel it-tieg, u x-xhieda tal-konvenut. Il-konvenut argumenta li mhux verosimili li ghazlu il-Knisja tmien (8) gimghat biss qabel it-tieg peress li il-Knisja tkun ilha ibbukkjata. Fuq bilanc ta’ probabilita’, dak li qal il-konvenut jidher li huwa iktar verosimili peress li hu fatt notat f'Malta

li koppji jahsbu biex jibbukkjaw il-Knisja ferm qabel id-data taz-zwieg.

Illi madanakollu, accettando ghall-grazzja tal-argument din il-versjoni attrici, hi xehdet *“Minkejja li l-konvenut (accetta ) kont ghadni indecisa ….Fl-ahharnett kontra qalbi accettajt* " (para 8 ante) (sottolinear tieghi) *"Kont nahseb li wara z-zwieg Robert jinbidel"…."Pero’ f'diversi okkazzjonijiet ma flahtux aktar u nghid li jiddispjacini sal lum li accettajt li nizzewgu" (para 8 ante).* Hi kompliet tixhed:- *"Jien kont bejn haltejn dwar iz-zwieg u mbaghad meta rajt l-aggressivita w in-nuqqas ta’ sensitivita’ u emozzjoni minn naha tieghu aktar hadtha bi kbira.Dak il-hin kien tard wisq biex inhassar kollox u ergajna bl-intervent ta' missieri solvejna s-sitwazzjoni."*

Ili l-indecizjoni mhiex ekwivalenti ghall-eskluzjoni posittiva taz-zwieg. Fix-xhieda fuq citata, l-attrici qalet li *"accettat"* li tizzewweg, li *"solvew"* is-sitwazzjoni. Ommha stqarret li meta infirdu tmien (8) gimghat qabel iz-zwieg, *" binti kienet deciza dik inhar li ma tirrangax mieghu "* (para 16 ante). Zewgha, Joseph Busuttil izda jghid *" Lucienne ikkuntentat meta ghidtilha li ikkonvincejt lir Robert biex ibidel fehmtu u ikkonvincejtha biex tkompli ghaz-zwieg." (*para 18 ante). Izda mbaghad jghid *"Lucienne xorta ma riditx tkompli ghaz-zwieg u kemm jien kemm marti kellna inkellmuha."* Dan ix- xhud, izda, ma jiftakarx x'raguni tathom ghalhiex ma riditx tizzewweg.

Illi l-attrici terga’ tiddikjara (para 10 ante) li fil-gurnata tat-tieg *"Ma kontx deciza li ridt nizzewgu."* Izda din l-istqarrijia mhiex ikkoroborata biex xhieda tal-konvenut u tal-familjari tieghu li iktar kellhom okkazzjoni u opportunita li josservaw il koppja fl-gherusija u lanqas mill-fatt li l-preparativi saru mit-tnejn flimkien. F'parti ohra tax-xhieda taghha hi tammetti li kienet thossha eccitata fil-preparativi tat-tieg (para 27 ante). Kieku verament kienet qed taghmel kollox kontra qalbha zgur ma kienx ikollha din il-hegga. Minn imkien ma jirrisulta li hi kellha intenzjoni interna kontra l-kunsens ghalkemm forsi xi dubbji kien hemm, pero’ certament li minn dak li qalet l-attrici stess ma’ jirrizulta bl-ebda mod li hija b’xi mod ssimulat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, jew eskludiet l-elementi taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi taz-zwieg mill-kunsens

taghha – anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju li l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg kien wiehed rejali u validu.

Illi fil-fatt milll-provi prodotti jirrizulta li l-versjoni tal-konvenut hija iktra verosimili u jirrizulta ghalkemm huwa relevanti ghall-kawza odjerna li dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment minnhabba hbiberija li qabdet l-attrici u dana circa 7 snin wara iz-zwieg, li certament ma' jista' qatt iwwassal ghall-annullment ta' dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk din il-Qorti hawn ukoll taqbel mal-perit legali li l-element ta' simulazzjoni allegat mill-attrici ma' giex ippruvat la fil-kuntest tal-kunsens moghti mill-attrici u lanqas fil-kuntest tal-kunsens moghti mill-konvenut u ghalkemm jista' jkun li l-konvenuta kellha dubbji dwar iz-zwieg taghha, dan ma jistax iwassal ghall-konkluzzjoni li hija eskludiet iz-zwieg positivament mill-kunsens taghha. Fil-fatt il-provi prodotti kollha juri mod iehor.

Illi rigward in-nota ta' kritika tal-attrici ghar-rapport peritali din il-Qorti thoss li dak li hemm kontenut fl-istess nota ma jistax jigi accettat *stante* li jidher li mill-provi prodotti u mir-rapport prezentat l-istess perit legali ghamlet osservazzjonijiet korretti kemm dwar il-ligi li tapplika ghall-kaz in ezami u kemm f'dak li huwa apprezzament tal-provi, u din il-Qorti taqbel perfettament mal-opinjoni tal-istess perit legali, anzi wara li ezaminat il-provi kollha fid-dettal thoss li assulutament ma' hemm ebda bazi ghall-allegazjonijiet attrici. Jista' jkun hemm kaz ta' separazzjoni, li fil-fatt sehhet, izda certament kaz ta' annullament ma jezistix fuq il-binarji proposti mill-attrici.

## <u>III.   KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, **tichad it-talba attrici** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------